# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima**

**Appell Numru: 558/2015**

Il-Pulizija

vs

**Alfred Bugeja**

iben Costantino, imwieled Pieta', fit-3 ta' Dicembru, 1957, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 828557(M)

Illum, 20 ta' Marzu 2019

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Alfred Bugeja quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) akkuzat talli flimkien ma' persuni ohra, illi f'dawn il-Gzejjer u barra minn dawn il-Gzejjer, fit-30 ta' Mejju 2002 u matul l-ahhar sitt xhur qabel dina id-data:

> Assocja ruhu ma xi persuna jew persuni ohra f'Malta jew barra minn Malta sabiex ibieghu jew jittraffikaw medicina (kokaina u cannabis) f'Malta kontra d-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, jew li ippromova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja l-assocjazzjoni; u
>
> Ghen, hajjar, ta' parir jew fittex biex jigi maghmul f'post barra minn Malta reat li ghalih hemm piena skond id-disposizzjonijiet ta' xi ligi korrispondenti li tkun issehh f'dak il-post, jew assocja ruhu ma' xi persuna jew persuni ohra f'Malta sabiex ghamel tali reat jew ghamel xi haga biex ihejji jew jiffacilita' xi att li, kieku jsir f'Malta, ikun reat kontra l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-21 ta' Dicembru, 2015 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 9, 10(1), 12, 14, 15(A), 20, 22(1)(a)(f)(1A)(1B) (2)(b)(i) (3A)(a)(b)(c)(d) u 26 tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi (Kap 101), r-regoli 4 u 9 tar-Regoli ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi (LS 101.02) u l-artikolu 23, 31, 49 u 50 tal-Kodici Kriminali (Kap 9) ikkundannat lil Alfred Bugejna ghal piena komplessiva ta' sebgha (7) snin prigunerija u multa ta' hdax-il elf u hames mitt Euro (€11,500) li jekk ma tithallasx puntwalment tigi konvertita f'terminu ta' prigunerija ai termini tal-proviso tal-artikolu 11 (3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Ordnat ukoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti kollha illi dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew propjeta mobbli u immobbli ohra tal-hati.

Rat ir-rikors tal-appellant Alfred Bugeja minnu pprezentat fit-23 ta' Dicembru, 2015 fejn talab lil din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza fuq indikata tal-21 ta' Dicembru 2015 moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura billi tilliberah mill-akkuzi kollha u fin-nuqqas taghti sentenza aktar ekwa u gusta.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

> Illi l-Ewwel Qorti ma ghamiltx bir-rispett kollu apprezzament tajjeb tal-fatti kif jirrizultaw mill-provi prodotti. Minkejja l-kliem bejn il-protagonisti ta' dan il-kas jidher li kien hemm assocjazzjoni bejn l-appellant, Emanuel Camilleri, kien jindika li riedu jdahlu droga f'Malta, l-intenzjoni ta' l-appellant kien b'mod differenti hafna. Fl-istqarrija u xhieda guramentata tieghu, l-appellant jammetti li ried jisraq il-flus li kienu se jaghtuh ghad-droga u b'hekk qatt ma kellu l-intenzjoni li jkun involut fi traffikar ta' droga. B'hekk qatt ma kien hemm "meeting of the minds", izda kien car li l-appellant ried jidhaq bi Camilleri u jaghmilha li kien se jaghmel dak li xtaq hu u b'hekk ikollu opportunita li jisraq il-flus. B'hekk huwa car li l-appellant ma kellux jkun misjub hati ta' assocjazzjoni li jittraffika d-droga, izda se mai bi tentattiv ta' serq. Jekk ghamel bi ruhu li kien se jidhol f'dan il-plot, izda ab inizjoni kien jaf li din l-attitudni kien sempliciment finta, b'hekk ma kien hemm l-ebda assocjazzjoni.
>
> Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-appellant minkejja li kien assenjat avukat ghall-ghajnuna legali, ma kien hemm l-ebda komunikazzjoni bejn l-appellant u l-avukat, li sal-lum ma jafx x'jismu. Fil-fatt ma kienetx saret trattazzjoni, fejn id-difiza ta' l-appellant tigi spjegata.
>
> Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-Ewwel Onorabbli Qorti ma hadetx in konsiderazzjoni meta kienet qeghda tghaddi ghas-sentenza li dan l-allegat reat sehh fi Novembru 2002, illum 'l fuq minn 13-il sena ilu. Biex nitfghu il-melh fuq il-ferita, il-Qorti

qalet li xorta li din mhix ta’ l-ebda konsegwenza ghall-appellant kien il-habs u kieku kien barra kien jwettaq reat iehor. Donna l-Ewwel Onorabbli Qorti qed tiggustifika li l-Qrati taghna kisru d-dritt fondamentali ta’ l-appellant kif protett mill-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropeja. L-Ewwel Qorti missa canfret il-prosekuzzjoni ghad-dawmien kif ghamlet f’diversi drabi f’dawn is-sitwazzjonijiet u ma taghmel l-ebda distinzjoni bejn akkuzi u/jew prosekuzzjonijiet. Jekk id-dawmien ta’ 13-il sena huwa hazin, ghandu jigi dikjarat li huwa hazin minghajr l-ebda distinzjoni f’min hu l-imputat jew l-ufficjal prosekutur. Kieku inghata sentenza “within a reasonable time”, kieku l-appellant kien ikun hallas ghal dak li kien ghamel u dan il-kapitolu huwa maghluq.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi l-lanjanza ewlenija imqanqla mill-appellant diretta lejn is-sentenza appellata iddur madwar l-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti fejn ma gietx moghtija affidament il-verzjoni imressqa ‘il quddiem minnu fix-xiehda tieghu illi l-intenzjoni tieghu ma kenitx illi jissieheb ma’ certu Emanuel Camilleri u ohrajn bil-ghan illi tigi importata d-droga gewwa Malta mill-Olanda, izda huwa ried biss jinganna lil Camilleri billi wara li ighaddielu l-flus halli jkun jista’ isiefer barra minn Malta biex jakkwista d-droga, jisraq dawn il-flus u ma igibx fis-sehh il-pjan imfassal minn Camilleri. B’hekk jishaq illi ma kienx hemm il-komunanza tal-intenzjoni kriminuza mehtiega sabiex jissussisti r-reat tal-assocjazzjoni li bih huwa gie mixli. Fil-fatt Camilleri jispicca qatt ma ighaddielu l-flus billi dan kien lahaq ftehim ma’ terzi persuni li fil-fatt gabu dan il-pjan fis-sehh ghalkemm gew intercettati mill-pulizija Taljana u Maltija gewwa Sqallija bid-droga.

Illi r-reat tal-assocjazzjoni bil-ghan li jigi kommess delitt huwa mahsub mill-legislatur mhux biss fid-disposizzjonijiet generali tal-Kodici Kriminali fl-artikolu 48A tieghu introdott permezz tal-Att III tal-2002, izda ukoll fil-ligi specjali li tirregola r-reati marbuta mat-traffikar u pussess ta’ droga u specifikatament fl-artikolu 22(1)(f) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta fejn hemm dispost illi ikun hati ta’ reat kull min:

**“jassoċja ruħu ma’ xi persuna jew persuni oħra f’Malta jew barra minn Malta sabiex ibigħ jew jittraffika mediċina f’Malta kontra d-dispożizzjonijiet ta’ din l-Ordinanza, jew li jippromovi, jikkostitwixxi,jorganizza jew jiffinanzja l-assoċjazzjoni.”**

Din l-assocjazzjoni tibda issehh u allura r-reat ikun ikkunsmat skont l-artikolu 22(1A) hekk kif:

**“..... jiġu kkumbinati jew miftehma l-mezzi, ikunu li jkunu, li bihom dawk il-persuni għandhom jimxu.”**

Dan maghdud ghandu johrog illi l-elementi kostituttivi tar-reat ta’ assocjazzjoni kontemplat fil-Kapitolu 101 huma erba u senjatament :

**“1. iz-zmien li fih ikun sar ir-reat ;**

**2. li jkun hemm mill-inqas persuna ohra, kienet minn kienet f’Malta jew barra minn Malta, li tkun involuta ,**

**3. sabiex tigi traffikata d-droga; u**

**4. li jkun hemm il-ftehim dwar il-mod kif din id-droga ser tigi traffikata.**

**It-traffikar ghandu definizzjoni wiesgha u din tinkludi mhux tfisser kwalsiasi movement ta’ droga minn id ghal id kemm versu korrispettiv kif ukoll b’ mod gratuwitu.[1]”**

Illi huwa fatt inkontestat illi kien sehh ftehim bejn l-appellant, Emanuel Camilleri u Charles Steven Muscat bil-ghan li tigi importata d-droga. Dan il-ftehim sehh meta dawn il-persuni kienu jinsabu inkarcerati. Il-*modus operandi* ukoll kien gie miftiehem, b’Camilleri li kien ser jiffinanzja l-operazzjoni u l-appellant li kien il-persuna li fizikament kellu jiehu hsieb jipprokura din d-droga minn barra minn Malta hekk kif huwa johrog mill-habs. Fil-fatt l-appellant ighid li billi huwa kien mizmum milli isiefer minn Malta ghaliex kien jinsab ghaddej proceduri kriminali fuq xi kazijiet ohra f’dak iz-zmien, kien qal lil Camilleri li kien miftiehem ma’ huh Albert Bugeja biex dan tal-ahhar jipprokuralhom d-droga. Dak li jikkontesta l-appellant allura mhux daqstant li kien sar dan il-ftehim pre-ordinat, izda biss illi huwa qatt ma kellu l-hsieb li dan il-ftehim izomm mieghu u allura jaghmel dak li kien indikalu jaghmel Camilleri. Ighid illi l-hsieb tieghu kien xort’ohra u cioe’ illi hekk kif Camilleri ighaddielu l-flus huwa johloq messa in xena fejn ighid lil Camilleri li

---

[1] Ir-Repubblika ta’ Malta vs Simon Xuereb – deciza Qorti Kriminali – 05/01/2004

kienu serqulu l-flus biex b'hekk huwa izomm dak l-ammont ta' flus ghalih. Dan izda ma sehhx, kif inghad, billi Camilleri u Muscat qatt ma ghaddewlu dan il-flus ghaliex lahaq sar ftehim ma' terzi persuni.

Illi dawn il-kazijiet li jitrattaw l-assocjazzjoni fir-reat ta'l-importazzjoni u traffikar tad-droga spiss jipprezentaw certu diffikulta' lill-Prosekuzzjoni sabiex jissostanzjaw dina l-akkuza billi l-att materjal konsistenti fil-ftehim, bejn tnejn jew aktar minn nies, jipprezenta ruhu hafna drabi f'forma astratta b'dan illi min jkun ha l-briga li jassocja ruhu ma' terza persuna ghal fini biex tigi traffikata d-droga ser jara illi ma jhallix tracci warajh li b'xi mod jindikaw l-esistenza ta' tali ftehim. Illi l-qrati taghna spiss gew rinfaccjati b'tali diffikulta kif johrog car mill-gurisprudenza in materja.

Illi dan maghdud, indubbjament ir-reat huwa ikkunsmat hekk kif ikun hemm il-ftehim dwar il-mezzi li ghandhom jigu adoperati ai fini biex jigi kommess id-delitt. Issa ghalkemm l-appellant jishaq illi huwa qatt ma kellu l-intenzjoni igib fis-sehh dan il-ftehim u cioe' qatt ma kellu l-intenzjoni ighin lil Camilleri u lil Muscat sabiex tigi importata d-droga f'Malta, madanakollu huwa accetta li jkun parti f'din il-kongura tant illi anke offrielhom lil huh Albert Bugeja bhala dik il-persuna li kellha fizikament issiefer biex takkwista d-droga, ghalkemm f'wahda mid-diversi verzjonijiet li jaghti jishaq illi huwa qatt ma ftiehem ma' huh f'dan is-sens. Illi allura l-fatt wahdu li l-appellant accetta li jkun parti minn din il-kongura kriminali, ghalkemm ma kellux l-intenzjoni igib il-pjan miftiehem fis-sehh huwa wahdu bizzejjed sabiex r-reat ikun ikkunsmat. L-Antolisei difatti ighid hekk:

> **"Trattandosi di un reato tipicamente permanente, la consumazione si protrae fino alla cessazione dello stato antiguridico, e cioe' fino a quando si verifica lo scoglimento dell'associazione."**

L-accettazzjoni minn naha ta'l-appellant li jaghmel parti minn dan il-ftehim kriminuz fejn gie imfassal sahansitra il-*modus operandi* ghat-twettiq tar-reat, wassal ghal konsumazzjoni tad-delitt bid-delitt jibqa' fis-sehh sal-mument illi jigi xjolt il-ftehim ghal xi raguni jew ohra.

Ikompli ighid hekk il-gurista Antolisei:

> **"Il dolo consiste nella volonta di entrare a far parte di un'associazione, avendo lo scopo di commettere delitti .... una volta fatto ingresso nell'associazione, pero', il**

**reato e' consumato anche per il partecipe che poi se ne dissoci, recidendo i legami con il resto del sodalizio.[2]"**

Illi is-sentenza li dahlet *funditus* fl-elementi tar-reat ta'l-assozjazzjoni hija **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Ellul**[3], l-Qorti, ikkowtat awturi u gurisprudenza meta sahhqet illi l-prova tal-ftehim tista' tirrizulta minn inferenzi li johorgu mill-attivita kriminali li ssegwi dan il-patt kriminuz. Izda mhux biss, ghaliex jistghu jipprezentaw rwiehom kazijiet fejn dak pattwit ma jkunx gie attwat ghal xi raguni kemm indipendenti mill-volonta tal-malviventi, kif ukoll ghal motivi ohra li jistghu iwassluhom biex jiddesistu mill-agir kriminali b'mod volontarju. F' dawn il-kazijiet ir-reat ta'l-assocjazzjoni xorta wahda jissussisti bl-att materjali allura jkun il-ftehim milhuq bejn tnejn jew aktar:

**"F'Archbold's Criminal Pleading, Evidence and Practice 2003 naqraw:**

**"The essence of conspiracy is the agreement. When two or more agree to carry their criminal scheme into effect, the very plot is the criminal act itself: Mulcahy v. R. (1868) L.R. 3 H.L. 306 at 317; R. v. Warburton (1870) L.R. 1 C.C.R. 274; R. v. Tibbits and Windust [1902] 1 K.B. 77 at 89; R. v. Meyrick and Ribuffi, 21 Cr.App.R. 94, CCA. <u>Nothing need be done in pursuit of the agreement</u>: O'Connell v. R. (1844) 5 St.Tr.(N.S.) 1."**

**"The agreement may be proved in the usual way or by proving circumstances from which the jury may presume it: R. v. Parsons (1763) 1 W.Bl. 392; R. v. Murphy (1837) 8 C. & P. 297. Proof of the existence of a conspiracy is generally a "matter of inference, deduced from certain criminal acts of the parties accused, done in pursuance of an apparent criminal purpose in common between them": R. v. Brisac (1803) 4 East 164 at 171, cited with approval in Mulcahy v. R. (1868) L.R. 3 H.L. 306 at 317."**

Spjanati dawn il-principji ta' dritt kif imfissra fil-gurisprudenza ghandu johrog allura li l-appellant ma jistax jezimi ruhu mir-responsabbilta kriminali billi ighid illi huwa ma kellux l-intenzjoni ighin lill-kompartecipi l-ohra fil-kummissjoni tad-delitt miftiehem, gjaldarba dahal parti f'dan il-ftehim billi r-reat kien diga' lahaq il-konsumazzjoni tieghu. Ghal dawn il-motivi l-aggravju tal-appellant ma jisthoqqlux akkoljiment.

---

[2] Manuale di Diritto Penale Parte Speciale II Capitolo IX – Reati Contro l'Ordine Pubblico. 149.

[3] Deciza 17/05/2005 App.Sup.

Illi l-appellant ighid ukoll illi ma kellux difiza xierqa quddiem l-Ewwel Qorti. Illi l-atti madanakollu jixhdu mod iehor. Ibda biex mill-verbal tas-seduta tas-6 ta' Novembru 2009, jidher li l-appellant nforma lill-Qorti li ma jridx ikun assitit minn avukat. Kellu ripensament madanakollu, wara dan, billi mill-verbal tas-seduta 15 ta' Dicembru 2009, huwa xtaq jkun assistit u l-Qorti appuntat avukat tal-ghajnuna legali Dr. Anthony Cutajar ghal dan il-ghan. Minn hawn 'il quddiem Dr. Anthony Cutajar dejjem deher ghas-seduti quddiem il-Qorti u dan sas-seduta tal-14 ta' Frar 2011. Meta imbaghad il-kawza giet assenjata lil gudikant iehor ghal xi raguni l-appellant talab li jkun assistit minn avukat tal-ghajnuna legali u gie innominat Dr. Mark Mifsud Cutajar li assista lill-appellant anke meta dan xehed fis-seduta tat-12 ta' Novembru 2014, sakemm inghatat s-sentenza.

Illi allura ghalkemm l-appellant ighid illi huwa ma giex moghti difiza adegwata, l-atti jixhdu mod iehor. Minn naha tieghu l-appellant ma iressaq l-ebda prova li turi xort'ohra. Lanqas il-verbali ma jindikaw illi huwa kien qed iressaq xi ilment li ma kienx qed jinghata d-difiza misthoqqa. Kwindi dan l-ilment lanqas ma huwa gustifikat.

Ikkunsidrat,

Jifdal ghalhekk biex jigi mistharreg l-aggravju imressaq mill-appellant marbut mal-piena erogata mill-Ewwel Qorti ta' seba' snin prigunerija u multa ta' hdax-il elf u hames mitt ewro (€11500) billi iqies illi din il-piena kienet wahda eccessiva tenut kont tal-fatt illi r-reat jirrisali ghas-sena 2002 u allura il-piena kellha necessarjament tirrifletti it-trapass twil taz-zmien, vjolattiv tal-jedd tieghu ghal smiegh xieraq fi zmien ragjonevoli.

Illi jibda biex jinghad illi l-appellant huwa bniedem pluri-recidiv. Fil-fatt anke f'din l-istanza huwa gie misjub hati tal-addebitu tar-recidiva. Illi allura l-Qorti kellha necessarjament tiehu in konsiderazzjoni il-fedina penali refrattarja tieghu, bil-piena tizdied minn grad sa tnejn, meta tigi ghal kalibrazzjoni tal-piena.

Illi l-artikolu 142(1) tal-Criminal Justice Act 2003 fl-Ingilterra jistabilixxi hames principji li ghandhom jigu segwiti fl-imposizzjoni tal-piena:

**(a) the punishment of offenders**

**(b) the reduction of crime (including its reduction by deterrence)**

**(c) the reform and rehabilitation of offenders**

**(d) the protection of the public**

**(e) the making of reparation by offenders to persons affected by their offence**

Illi allura min hu imsejjah biex jiggudika ma ghandux ihares biss l-interessi tal-persuna ikkundannata izda ghandu jara illi ihares l-interessi tal-vittma jew vittmi tar-reat u is-socjeta in generali billi jaghti dik il-piena li ghandha isservi bhala kastig ghal min jikkometti r-reat, li tara li twassal ghat-tnaqqis tal-kummissjoni ta' reati ohra, li tista' twassal ghar-rijabilitazzjoni u r-riforma tal-hati jekk ikun il-kaz, li taghti il-harsien mehtiega lil pubbliku u li l-hati jaghmel reparazzjoni ghal hazin li jkun ghamel.

Illi il-piena erogata f'dana il-kaz ma jidhirx illi tbieghdet b'xi mod minn dawn il-principji, piena li taqa' sewwasew fil-parametri tal-ligi fejn l-massimu tal-piena ghar-reat addebitat lill-appellant hija dik ta' ghaxar snin prigunerija u multa ta' €11,646.87. Illi huwa minnu li l-piena erogata mill-Ewwel Qorti tqarreb lejn il-massimu taghha, madanakollu l-operazzjoni kriminuza kienet wahda mifruxa u sostanzjali bl-appellant u persuni ohra jassocja ruhhom bil-ghan li jittraffikaw id-droga sahansitra minn gewwa l-konfini tal-Habs, fatt li fil-fehma ta' din il-Qorti jirrendi r-reat iktar serju tenut kont tal-allarm li jikkreja fejn lanqas il-hitan tal-Habs mhu qed isservu ta' protezzjoni ghac-cittadin kontra l-kriminalita'. Dawn il-fatturi kollha ghalhekk ixejjnu l-uniku mitigazzjoni li setghet tezisti u cioe' dak tat-trapass taz-zmien bl-inkarcerazzjoni tal-appellant jidher li lanqas qed isservi ta'deterrent ghalih milli jinvolvi ruhu f'reati kriminali.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata ikkonfermata fl-intier taghha.

Edwina Grima

Imhallef